MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 46 – 3 Kumitat**

**Il-Ġimgħa 05 ta' Marzu, 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Joseph Farrugia |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Galea |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Id-Deputat President  is-Sur David Michael Schembri ppresjeda l-laqgħa.

## 46.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

46.1.1 Id-Deputat President informa li rċieva ittri ta' apoloġija mill-President u mis-Sindku ta' Birżebbuġa fejn taw ir-raġuni għalfejn ma setgħux jattendu.

46.1.1 Il-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

46.2.1 Id-Deputat President ressaq il-minuti tal-ħamsa u erbgħin (45) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

46.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Johan Mula u ssekondata mis-Sur Omar Farrugia, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 46.3 Komunikazzjoni mid-Deputat President;

**- Inizjattivi Edukattivi 2020**

46.3.1 Id-Deputat President irrimarka għall-mod kif ġiet imsemmija l-inizjattiva edukattiva li saret fl-2020. Hu semma' li għalkemm l-iskema qed tindika li l-inizjattiva qed issir mir-Reġjun u mil-Lifelong Learning, fil-verità dawn tal-aħħar mhuma qed jikkontribwixxu xejn għax l-unika għajnuna finanzjarja f'din l-inizjattiva qed tiġi biss mir-Reġjun. Il-ftehim proprjament kien sar bejn iż-żewġ entitajiet u l-għajnuna finanzjarja għandha tiġi mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni wkoll. Id-Deputat President talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jitlob kjarifika mill-persuna li rrappreżentat lil-Lifelong Learning f'din l-inizjattiva ħalli jiġi ċċarat dan il-punt għax jidher li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni mhux se jkun qed jikkontribwixxi fl-ispejjeż li saru mill-Kunsilli biex saru l-lezzjonijiet fil-lokalità tagħhom. Hu talab ukoll biex din l-inizjattiva ma tiġix inkluża fir-rapporti finanzjarji bl-isem ta' Lifelong Learning.

**- Contracts Manager**

46.3.2 Id-Deputat President irrefera għall-fatt li l-Kunsilli Lokali huma mitluba jingaġġaw Contracts Manager biex jissorvelja s-servizzi li jingħataw minnhom inkluż il-ġbir tal-iskart u qal li m'hemmx direzzjoni ċara fuq il-kwalifiki li għandu jkollhom u għall-mod kif għandhom jitħallsu dawn il-persuni. Hu semma' kif mhux il-Kunsilli Lokali kollha jħallsu lill-Contracts Manager tagħhom bl-istess mod u jeħtieġ li jkun hemm soluzzjoni u linji gwida ċari dwar dan biex il-Kunsilli lokali kollha ikunu uniformi f'dan is-servizz.

**- Attendenza waqt il-laqgħat tar-Reġjun**

46.3.3 Id-Deputat President wera d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' interess u assentejiżmu minn xi Membri waqt il-laqgħat tar-Reġjun. Hu qal li hemm lokalitajiet żgħar li jieħdu interess u jaraw li jibagħtu Delegat fin-nuqqas tas-Sindku u mbagħad hemm lokalitajiet kbar li mhux qed jagħtu kas. Dan mhux ġust u juri nuqqas ta' responsabbiltà u nuqqas ta' rispett lejn il-Membri l-oħra li juru mpenn fil-ħidma tagħhom.

**- Skemi ta' għajnuna maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali**

46.3.4 Id-Deputat President qal li ma jaqbilx mal-inizjattiva tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali meta ħareġ bi skema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali f'inizjattivi ta' attivitajiet kulturali meta

tikkonsidra s-sitwazzjoni li ninsabu fiha minħabba l-pandemija. Jippreferi kieku nħarġet skema oħra b'inizjattiva differenti li setgħet tkun aktar effettiva u ta' beneficċju għall-Kunsilli Lokali.

**- Kummenti**

46.3.5 Fil-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Darren Abela irrefera għall-iskemi maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u qal li l-applikazzjonijiet għal dawn l-iskemi huma twal u jinvolvu ħafna xogħol. Barra minn hekk, il-Kunsill qed jiġi mitlub jissottometti pjanti ffirmati mill-perit u dokumenti oħra. Hu żied jgħid li dan ix-xogħol kollu biex titlob għajnuna li ġieli tkun ta' ftit flus, ma tkunx vallapena. Dan qed jaqta' qalb il-Kunsilliera u s-Segretarji Eżekuttivi għax huma diġà jkunu jinsabu fgati fix-xogħol amministrattiv tagħhom.

46.3.6 Is-Sa Charmaine St John żiedet tgħid li qed tħoss il-piż tax-xogħol jagħfas fuqha u ħafna drabi ssib ruħha taqdef waħedha għax ma ssibx għajnuna waqt il-ħidma tagħha. Dan meta qed taħdem f'lokalità li hi meqjusa bħala żgħira, aħseb u ara s-Sindki ta' lokalitajiet akbar.

46.3.7 Is-Sur Johan Mula qal li l-piż fuq is-Sindku hu wieħed kbir għax ir-residenti jibagħtu l-ilmenti tagħhom lis-Sindku dirett għax miegħu jkollhom kuntatt. Minbarra dan, is-Sindku għandu l-impenji tax-xogħol u l-karriera tiegħu għax hu ma jistax ikun full-time mal-Kunsill. Safrattant, il-Kunsill hu mistenni li jkollu Contracts Manager li jkun full-time.

46.3.8 Is-Sur Darren Abela rrefera għall-kwalifiki tal-Contracts Manager u qal li fl-opinjoni tiegħu il-Contracts Manager aktar għandu jkun persuna b'esperjenza u li jkollu kuntatt kontinwu man-nies tat-triq bħal pereżempju ex-Kunsillier.

46.3.9 Is-Sur Johan Mula rrefera għall-assentejiżmu tal-Membri fil-laqgħat tal-Kunsilli. Hu qal li fil-verità qatt ma jiġri xejn meta xi Membru ma jattendix għal xi laqgħa tal-Kunsill għax dawn jiġu mniżżla bħala assenti u jibqgħu jieħdu l-allowance xorta waħda. Ma jkun hemm ħadd li jiġbdilhom l-attenzjoni.

## 46.4 Skeda ta’ Pagamenti;

46.4.1 Id-Deputat President ippreżenta l-iskedi ta’ pagamenti bin-numru ta’ referenza 03/21A-1 u 03/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

46.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Terence Agius u ssekondata minn Dr Marija Sara Vella, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta’ pagamenti msemmija.

## 46.5 Financial Statements;

46.5.1 Id-Deputat President ressaq il-Financial Statements għas-sena 2020 li ġew iċċirkolati minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Hu stieden lill-accountant tal-Kunsill Reġjonali biex tingħaqad magħhom u tagħti spjegazzjoni tar-rapporti tal-għeluq tas-sena finanzjarja 2020.

46.5.2 L-accountant tal-Kunsill Reġjonali s-Sa Marisa Ciappara tat spjega dettaljata tar-rapporti finanzjarji.

46.5.3 Fuq mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur Darren Abela, il-Membri preżenti unanimament approvaw il-Financial Statements għas-sena 2020.

## 46.6 Affarijiet Oħra;

**- Quarterly Financial Report Jan-Dec 2020**

46.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2020 li ġie ċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. Hu qal li l-Kunsill Reġjonali jinsab f'pożizzjoni finanzjarja soda u ta spjega tiegħu.

46.6.2 Il-Membri preżenti unanimament approvaw ir-rapport finanzjarju.

**- Devoluzzjoni tal-post tal-uffiċċju amministrattiv**

46.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li li matul il-jiem li għaddew ġie ffirmat il-kuntratt mad-Dipartiment tal-Artijiet tad-devoluzzjoni tal-post tal-uffiċċju amministrattiv. Il-kuntratt ikopri ħmistax-il sena bil-kirja ta' elfejn seba' mija u tletin ewro (€2,730) fis-sena.

**- Applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar**

46.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ħabbar li fil-jiem li għaddew, il-Perit tal-Kunsill Reġjonali ssottometta l-applikazzjoni ta' żvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-estensjoni tal-uffiċini u spazju fejn isiru l-laqgħat fil-bini amministrattiv tar-Reġjun.

**- Laqgħa mad-DLG fuq ir-riforma fir-Reġjuni u l-Immaniġġjar tal-Iskart**

46.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu laqgħa mad-Direttur Ġenerali u d-Diretturi fid-Direttorat tal-Monitoraġġ u Sapport fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fej ġie diskuss il-working document bi preparazzjoni għall-ħruġ tas-sejħa pubblika għall-ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali. L-stess dokument issa se jiġi diskuss mas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali f'laqgħa oħra li se ssir b'mod virtwali u li għaliha se tintbagħat korrispondenza mid-DLG lill-Kunsilli kollha.

**- Ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' vann għas-sezzjoni tal-manutenzjoni**

46.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li r-Reġjun esplora l-possibilitajiet kollha u x'tipi ta' vetturi hawn fis-suq, ġie konkluż li l-aktar mod kosteffettiv hu li tinħareġ sejħa pubblika għal xiri ta' vann ġdid biex jintuża mis-sezzjoni tal-manutenzjoni tal-Kunsill Reġjonali. Din is-sejħa se tkun qed tinħareġ fil-jiem li ġejjin.

**- Skema ta' għajnuna lil-libreriji mill-Kunsill Reġjonali**

46.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq biex jibbenefika minn għajnuna finanzjarja permezz ta' din l-iskema biex jixtri kotba ġodda għal-librerija pubblika ta' Ħal Għaxaq.

46.6.8 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta mressqa.

## 46.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

46.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.53 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 08 ta' April 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina
President

Philip Carabott
Segretarju Eżekuttiv